MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru 46/2014

**SPETTUR GODWIN SCERRI**

**VS**

**DAVID FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

David Farrugia ta’ 41 sena, bin Saviour u Georgina nee’ Zammit, mwieled fid-19 ta’ Jannar 1974, residenti Capricorn Lodge, Triq il-Kanonku Pirotta, B’Kara u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 74874M;

Talli;

1) Nhar l-4 ta’ Jannar 2014 ghal habta tal-10.45hrs ta filghaxija gewwa Xatt l-Ghassara fil-Marsa, volontarjament ikkaguna, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jwe immobbli u cioe diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tiskorri l-valur ta’ €1,164.69 ghad-dannu ta’ Carmine Di Cicco;

2) Aktar talli fl-istes data, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Carmine Di Cicco f’periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha, liema hsara hija ta’ natura hafifa;

3) Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Nathalie Farrugia, biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha, meta kien jaf jew missu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkaguna biza;

4) Aktar talli ingurja u/jew hedded lil martu Nathalie Farrugia, b’ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ ohra f’dan il- kodici, anke jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5) Aktar talli volontarjament kiser il- bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-lejl in kwistjoni l-imputat kien qieghed fil-vettura tieghu fit-triq tax-xatt, il-Marsa, fejn jitrakka l-katamaran li jigi minn Sqallija, qed jistenna li jigbor it-tfal tieghu li kienu marru ghall-btala hemm ma’ ommhom Nathalie Farrugia. Ghandu jinghad li l-imputat huwa separat minn martu, u li hi kellha relazzjoni ma’ Carmine Di Cicco. Fil-fatt l-incident kollu qam bejn l-imputat u dawn it-tnejn min-nies. Waqt li l-imputat kien qed jistennihom, jirrisulta li qam argument shun bejniethom, u Di Cicco u l-imputat gew fl-idejn, bil-konsegwenza li t-tnejn sofrew griehi fuqhom, u ttiehdu proceduri kontra t-tnejn. B’xorti tajba, il-proceduri kemm kontra Di Cicco u dawk kontra l-imputat gew quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Mill-provi prodotti f'din il-kawza irrisulta li l-imputat kien qieghed ix-xatt fil-vettura tieghu jistenna li jiehu t-tfal tieghu mieghu. Jidher li qam argument bejnu u s-sieheb tal-mara tieghu, dawn gew fl-idejn, u Di Cicco sofra griehi hfief, hekk kif gew iccertifikati mit-tabib Mario Cilia. Fl-argument saret hsara wkoll lill-vettura proprjeta' ta' Di Cicco, liema hsara jidher li saret mill-imputat stess volontarjament waqt dan l-incident. Ghalhekk l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrisultaw ippruvati fil-fehma tal-Qorti. Kwantu ghat-tielet u r-raba' imputazzjoni, dawn fil-fehma tal-Qorti ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi. Ghalkemm gie esebit parti minn rapport tal-Agenzija Appogg dwar it-tielet imputazzjoni, dan mhux bizzejjed biex tigi ppruvata dak li fil-ligi hu maghruf bhala "course of conduct" biex din tirrizulta. L-anqas ma giet ippruvata r-raba' imputazzjoni, peress illi mill-provi jidher li l-oggett tal-attenzjoni tal-imputat kien is-sieheb tal-mara tieghu u mhux il-mara *per se*. Jekk intqal xi kliem fil-konfront taghha, dan intqal fis-sahna tal-mument. Kwantu ghall-hames imputazzjoni, din tirrisulta ppruvata, ghax jidher li qam kjass shih fil-pubbliku minhabba f'din l-imgieba tal-imputat.

Kwantu ghall-piena, in vista tas-separazzjoni personali bejn l-imputat u Nathalie Farrugia, u l-konsegwenzi li din qed iggib maghha, il-Qorti sejra taghti ordni ta' sanzjoni fil-komunita' minn flok piena, biex isservi ta' deterrent bl-isperanza li jigu evitati incidenti ohra simili fil-futur.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 325(1)(a), 221, 251B, 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Issibu hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u l-hames (5) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal sentejn favur Nathalie Farrugia u Carmine Di Cicco ai terminu tal-Artikolu 412 C tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------